**280. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTI B'*ENCROACHMENT* TA' ART FIL-PIETÀ, LIS-SUR ALFRED BIANCHI FIL-PIETÀ GĦAL BINI TA' KIOSK

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jagħti *b'encroachment* lis-Sur Alfred Bianchi art fil-Pietà deskritta fl-abbozz tal-permess imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, bil-ħlas u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skod riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati ;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art fil-Pietà kif deskritta fl-abbozz tal-permess imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tista' tiġi mogħtija lill-imsemmi Sur Alfred Bianchi għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

18.07.1980